MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 561/2004

**Korporazzjoni Enemalta**
**vs**
**Adolf Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-15 ta` Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici, s-somma ta' sebgha mija u disgha u hamsin lira, wiehed u ghoxrin centezmu (Lm759.21) illum ekwivalenti ghal Euros1,768.48, rapprezentanti valur ta` danni kawzati f'High Tension cable, nhar il-5 ta` Lulju, 2000, gewwa Triq il-Pitkali, Attard.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 3 ta` Awissu, 2002 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-istess ittra kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas li jipprezenta risposta formali ghat-talba attrici u kif ukoll baqa` ma deherx fis-seduta ta` nhar l-1 ta Frar, 2008.

Gie notat illi l-konvenut ma deherx la fis-seduta ta` l-1 ta` Frar, 2008 meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1,768.48 (Euros) gia Lm759.21, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------